MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 134/2002/1

**Dr Hugh Peralta LL.D. bhala mandatarju specjali tas-socjeta' Dollfus Mieg & Cie ta' Franza**

**vs**

**SJI Clothing Industry Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' erbat elef tlieta u hamsin liri Maltin (Lm4053) dovut bhala prezz ta' bejgh ta' merci suppliti mill-attur lill-kumpanija konvenuta.

Bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont mit-3 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 8% p.a., u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat tal-sekwestru pprezentat kontemporanjament mal-prezenti u tal-ittra bonarja datata 6 ta' Dicembru 2000.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fl-14 ta’ Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm4053.00,0 bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta’ Marzu 1999 u bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-18 ta’ Frar 2002.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur